

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4955 finali, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE (Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta kontribom permezz tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Mylan Laboratories Ltd u Mylan, Inc. huma kkundannati għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 431, 1.12.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Krka vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-684/14) (¹)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-perindopril, prodott mediċinali intiż għall-kura tal-mard kardjovaskulari, fil-verżjonijiet tal-bidu u ġeneriċi tiegħu — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Ftehim ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwimiet fil-qasam tal-privattivi — Ftehim ta' liċenzja — Ftehim ta' akkwiziżzjoni ta' teknoloġija — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett — Konċiljazzjoni bejn dritt tal-kompetizzjoni u dritt tal-privattivi”

(2019/C 82/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Krka Tovarna Zdravil d.d. (Novo Mesto, is-Slovenja) (rappreżentanti: T. Ilešič u M. Kocmut, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castilla Contreras, B. Mongin u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn D. Bailey, barrister)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4955 finali, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE (Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) *L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4955 finali, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE (Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)) huwa annullat inkwantu jikkonstata l-parteċipazzjoni ta' Krka Tovarna Zdravil d.d għall-ftehimiet imsemmija f'dan l-artikolu.*
- 2) *L-Artikolu 7(4)(a) tad-Deċiżjoni C(2014) 4955 finali hija annullata.*

- 3) L-Artikoli 8 u 9 tad-Deċiżjoni C(2014) 4955 finali huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil Krka Tovarna Zdravil.
- 4) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 431, 1.12.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Servier et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-691/14) (¹)

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Abbuż minn pożizzjoni dominanti — Suq tal-perindopril, prodott mediċinali intiż għall-kura tal-mard kardjovaskulari, fil-verżjonijiet tal-bidu u ġeneriċi tiegħu — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE — Prinċipju ta' imparzjalità — Konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-akkordji u tal-pożizzjonijiet dominanti — Dritt għal rimedju effettiv — Qosor tat-terminu għall-preżentata tar-rikors fid-dawl tat-tul tad-deċiżjoni kkontestata — Ftehimiet dwar soluzzjoni bonarja dwar it-tilwimiet fil-qasam tal-privattivi — Ftehimiet dwar liċenzja — Ftehimiet dwar akkwist tat-teknoloġija — Ftehim dwar xiri esklużiv — Kompetizzjoni potenzjali — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett — Konċiljazzjoni bejn dritt tal-kompetizzjoni u dritt tal-privattivi — Klassifikazzjoni ta' ksur distinti jew ta' ksur uniku — Definizzjoni tas-suq rilevanti fil-livell tal-molekola tal-prodott mediċinali kkonċernat — Multi — Kumulu ta' multi skont l-Artikoli 101 u 102 TFUE — Prinċipju ta' legalità ta' delitti u ta' pieni — Valur tal-bejgħ — Modalitajiet ta' kalkolu fil-każ ta' kumulu ta' ksur fl-istess swieq”)

(2019/C 82/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Servier SAS (Suresnes, Franza), Servier Laboratories Ltd (Wexham, ir-Renju Unit), Les Laboratoires Servier SAS (Suresnes) (rappreżentanti: inizjalment I. S. Forrester, QC, J. Killick, barrister, O. de Juvigny, avukat, u M. Utges Manley, solicitor, sussegwentement J. Killick, O. de Juvigny, M. Utges Manley, J. Jourdan u T. Reymond, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment T. Christoforou, B. Mongin, C. Vollrath, F. Castilla Contreras u T. Vecchi, sussegwentement T. Christoforou, B. Mongin, C. Vollrath, F. Castilla Contreras u J. Norris-Usher, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: European Federation of Pharmaceutical Industries and Associations (EFPIA) (Genève, l-Isvizzera) (rappreżentanti: F. Carlin, barrister, N. Niejahr u C. Paillard, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4955 finali tad-9 ta' Lulju 2014 dwar proċedura skont l-Artikolu 101 u l-Artikolu 102 TFUE [Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)], sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom permezz tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru °C(2014) 4955 finali tad-9 ta' Lulju 2014 dwar proċedura skont l-Artikolu 101 u l-Artikolu 102 TFUE [Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)], huwa annullat, inkwantu jikkonstata l-parteċipazzjoni ta' Servier SAS u ta' Laboratoires Servier SAS fil-ftehimiet imsemmija f'dan l-artikolu.
- 2) L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni C(2014) 4955 finali huwa annullat.